PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali*

**2013/2135(INI)**

24.10.2013

# EMENDI 1 - 25

**Abbozz ta' opinjoni**
**David Casa**
(PE519.732v01-00)

dwar Qafas għall-politiki tal-klima u tal-enerġija fl-2030
(2013/2135(INI))



Magħquda fid-diversità

**Emenda 1**
**Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tissuġġerixxi ftehim bikri dwar il-qafas għall-politiki tal-klima u tal-enerġija fl-2030, b'attenzjoni partikolari għall-objettivi tiegħu ta' progress lejn ekonomija kompetittiva li tista' toħloq opportunitajiet ġodda għall-impjiegi u t-tkabbir; | 1. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tissuġġerixxi ftehim bikri ***u ambizzjuż*** dwar il-qafas għall-politiki tal-klima u tal-enerġija fl-2030, b'attenzjoni partikolari għall-objettivi tiegħu ta' ***evitar ta' aktar tibdil fil-klima u ta'*** progress lejn ekonomija kompetittiva li tista' toħloq opportunitajiet ġodda għall-impjiegi u t-tkabbir; |

Or. en

**Emenda 2**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tissuġġerixxi ftehim bikri dwar il-qafas għall-politiki tal-klima u tal-enerġija fl-2030, b'attenzjoni partikolari għall-objettivi tiegħu ta' progress lejn ekonomija kompetittiva li tista' toħloq opportunitajiet ġodda għall-impjiegi u t-tkabbir; | 1. Jappoġġja l-inizjattiva tal-Kummissjoni li tissuġġerixxi ftehim bikri dwar il-qafas għall-politiki tal-klima u tal-enerġija fl-2030, b'attenzjoni partikolari għall-objettivi tiegħu ta' progress lejn ekonomija kompetittiva ***u inqas intensa fuq ir-riżorsi*** li tista' toħloq opportunitajiet ġodda għall-impjiegi ***ta' kwalità*** u t-tkabbir ***sostenibbli***; |

Or. en

**Emenda 3**
**Ole Christensen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jinnota, li l-ħolqien tal-impjiegi fl-"ekoindustriji" kien pożittiv matul il-reċessjoni meta mqabbel ma' ħafna setturi oħrajn[1];*** |
| | ***[1] Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni intitolat: 'Nisfruttaw il-Potenzjal tal-Impjiegi mit-Tkabbir Ekoloġiku', (SWD(2012) 92 final) p. 5.*** |

Or. en

**Emenda 4**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob li jittieħdu miżuri sabiex jallokaw ir-riżorsi għal pjan ta' rkupru ekonomiku għall-impjiegi ta' kwalità ekoloġiċi u t-tkabbir sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ speċjalment fil-konfront ta' intrapriżi żgħar u medji biex jinħolqu impjiegi ta' kwalità ekoloġiċi għal ħaddiema bi kwalifiki kemm għoljin u anki baxxi;*** |

Or. en

**Emenda 5**
**Jürgen Creutzmann**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. Jitlob għal approċċ bilanċjat lejn miri ġodda potenzjali tal-klima u tal-enerġija filwaqt li jitqiesu l-effetti negattivi fuq il-bażi industrijali u l-impjiegi fl-Unjoni;*** |

Or. en

**Emenda 6**
**Ole Christensen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jinnota li l-ishma fil-pagi fis-settur li juża livell baxx ta' karbonju kellhom tendenza li jaqgħu inqas mill-aktar 15-il industrija li għandhom emissjonijiet, b'mod speċjali matul l-aħħar snin;***[1] |
| | ***[1] ILO: Lejn Ekonomija iktar ekoloġika: Id-Dimensjonijiet Soċjali p. 48.*** |

Or. en

**Emenda 7**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1b. Jenfasizza l-ħtieġa li tingħata pjattaforma għall-Istati Membri biex jikkoordinaw l-isforzi tagħhom fil-ħolqien tal-impjiegi ġodda ta' kwalità ekoloġiċi u t-tkabbir sostenibbli; jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għal kooperazzjoni mill-qrib bejn il-gvernijiet u l-imsieħba soċjali*** |

| | |
|---|---|
| | ***sabiex tiġi żgurata tranżizzjoni bla xkiel lejn ekonomija aktar ekoloġika;*** |

Or. en

**Emenda 8**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1c (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1c. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu eliminati f'nofs it-terminu is-sussidji diretti u indiretti kollha, il- vantaġġi fiskali u appoġġ finanzjarju għall-fossili u l-attivitajiet ambjentalment mhux sostenibbli;*** |

Or. en

**Emenda 9**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 1d (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1d. Jenfasizza li d-djalogu soċjali u l-parteċipazzjoni tal-ħaddiema huma valuri u għodod fundamentali li jsaħħu u jirrikonċiljaw il-promozzjoni tal-koeżjoni soċjali, l-impjiegi ta' kwalità u l-ħolqien tal-impjiegi minn naħa waħda u ż-żieda fl-innovazzjoni u l-kompetittività fl-ekonomiji Ewropej min-naħa l-oħra;*** |

Or. en

**Emenda 10**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li s-setturi tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli jistgħu joħolqu ħames miljun impjieg sal-2020, kif previst mill-Kummissjoni[1]; jirrimarka li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ***b'użu baxx tal-karbonju*** hija mistennija li jkollha effetti differenti ħafna rigward il-livelli ġenerali ta' ħiliet miksuba; | 2. Ifakkar li s-setturi tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli jistgħu joħolqu ħames miljun impjieg sal-2020, kif previst mill-Kummissjoni[1]; jirrimarka li t-tranżizzjoni lejn ekonomija ***li tuża' inqas ir-riżorsi*** hija mistennija li jkollha effetti differenti ħafna rigward il-livelli ġenerali ta' ħiliet miksuba; |
| [1] Komunikazzjoni intitolata 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173). | [1] Komunikazzjoni intitolata 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173). |

Or. en

**Emenda 11**
**Jean Lambert, Elisabeth Schroedter**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Ifakkar li s-setturi tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli jistgħu joħolqu ħames miljun impjieg sal-2020, kif previst mill-Kummissjoni[1]; jirrimarka li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju hija mistennija li jkollha effetti differenti ħafna rigward il-livelli ġenerali ta' ħiliet miksuba; | 2. Ifakkar li s-setturi tal-effiċjenza tal-enerġija u l-enerġija rinnovabbli jistgħu joħolqu ħames miljun impjieg sal-2020, kif previst mill-Kummissjoni[1]; ***għalhekk isejjaħ għal tliet miri li jorbtu għat-tnaqqis fl-emissjonijiet, is-sehem ta' enerġija rinnovabbli, u l-iffrankar tal-enerġija;*** jirrimarka li t-tranżizzjoni lejn ekonomija b'użu baxx tal-karbonju hija mistennija li jkollha effetti differenti ħafna rigward il-livelli ġenerali ta' ħiliet miksuba; ***ifakkar li l-potenzjal għall-impjiegi ekoloġiċi mhuwiex biss f'setturi ġodda b'ħiliet għolja, iżda fl-ekonomija kollha u fil-livelli kollha ta' ħiliet;*** |

| | |
|---|---|
| [1] Komunikazzjoni intitolata 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173). | [1] Komunikazzjoni intitolata 'Lejn irkupru li jwassal għall-ħolqien abbundanti ta' impjiegi' (COM(2012)0173). |

Or. en

**Emenda 12**
**Ole Christensen**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 2a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***2a. Jinnota, li l-€ 573 biljun użat għall-importazzjoni ta' fjuwils fossili fl-2011[1], jirrappreżenta potenzjal mhux użat għat-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi fis-settur ekoloġiku tal-UE;*** |
| | ***[1] http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/hedegaard/headlines/news/2012-06-14_01_en.htm*** |

Or. en

**Emenda 13**
**Elisabeth Schroedter, Jean Lambert**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jitlob li jittieħdu miżuri biex jissodisfaw u jqabblu l-kompożizzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-impjiegi li nħolqu riċentement; jissottolinja li l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għandhom ikunu mmirati u mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-domanda tax-xogħol, sabiex jevitaw in-nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati | 3. Jitlob li jittieħdu miżuri biex jissodisfaw u jqabblu l-kompożizzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-impjiegi li nħolqu riċentement ***u biex jiffaċċjaw sfidi ġodda fl-impjiegi eżistenti li jibdlu l-profil tagħhom lejn impjiegi iktar ekoloġiċi***; jissottolinja li l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għandhom ikunu mmirati u mfassla biex |

| | |
|---|---|
| f'teknoloġiji emerġenti b'użu baxx tal-karbonju; | jissodisfaw il-ħtiġijiet ***tal-ħaddiem u l-ħtiġijiet*** tad-domanda tax-xogħol, sabiex jevitaw in-nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati f'teknoloġiji emerġenti b'użu baxx tal-karbonju; |

Or. en

**Emenda 14**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. Jitlob li jittieħdu miżuri biex jissodisfaw u jqabblu l-kompożizzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-impjiegi li nħolqu riċentement; jissottolinja li l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għandhom ikunu mmirati u mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-domanda tax-xogħol, sabiex jevitaw in-nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati f'teknoloġiji emerġenti b'użu baxx tal-karbonju; | 3. Jitlob li jittieħdu miżuri biex jissodisfaw u jqabblu l-kompożizzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-impjiegi li nħolqu riċentement; jissottolinja li l-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol għandhom ikunu mmirati u mfassla biex jissodisfaw il-ħtiġijiet tad-domanda tax-xogħol, sabiex jevitaw in-nuqqas ta' ħaddiema kkwalifikati f'teknoloġiji ***sostenibbli*** emerġenti b'użu baxx tal-karbonju; |

Or. en

**Emenda 15**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Jenfasizza l-ħtieġa biex ikunu antiċipati l-ħtiġijiet futuri għall-ħiliet u jsiru l-aġġustamenti fis-sistemi edukattivi u ta' taħriġ li huma meħtieġa biex jagħtu liż-żgħażagħ, nisa u gruppi żvantaġġati oħra aċċess għall-impjiegi sostenibbli u ta' kwalità fl-ekonomija ekoloġika;*** |

Or. en

**Emenda 16**
**Jürgen Creutzmann**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. Ifakkar l-intenzjoni tal-Kummissjoni biex treġġa' lura r-rwol dejjem jonqos tal-industrija fl-Ewropa għas-seklu 21[2] ; jitlob għal approċċ koerenti fil-qasam tal-politika dwar il-klima u l-enerġija li ma jfixkilx l-għanijiet tal-politika industrijali u li għalhekk jista' jimpedixxi l-ħolqien tal-impjiegi;*** |
| | ______________ |
| | ***[2] Komunikazzjoni intitolata 'Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku' (COM(2012)582).*** |

Or. en

**Emenda 17**
**Jürgen Creutzmann**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 3b (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3b. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi evitata r-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju f'ċerti setturi tal-industrija; Jirrimarka l-impatt negattiv li t-telf ta' impjiegi fl-industrija jista'jkollu għall-impjieg ġenerali għal kull 100 impjieg maħluq fl-industrija, huwa stmat li bejn 60 u 200 impjieg ġdid huwa maħluq fil-bqija tal-ekonomija[3] ;*** |
| | ______________ |

[3] ***Dokument ta' Ħidma tal-Persunal anness mal-Komunikazzjoni intitolata 'Industrija Ewropea Aktar b'Saħħitha għat-Tkabbir u l-Irkupru Ekonomiku' (COM(2012)582).***

Or. en

**Emenda 18**
**Sari Essayah**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Jitlob biex jittieħdu miżuri ***li jiffaċilitaw l-adattament tal-ħaddiema*** fis-setturi b'użu għoli tal-karbonju l-aktar affettwati, bħal pereżempju l-produzzjoni tal-elettriku, it-trasport, il-bini u l-industriji enerġetikament intensivi, ***fit-tranżizzjoni għal ekonomija ekoloġika*** u effiċjenti fl-użu tar-riżorsi; | 4. Jitlob biex jittieħdu miżuri ***biex jinżammu l-postijiet tax-xogħol*** fis-setturi b'użu għoli tal-karbonju l-aktar affettwati, bħal pereżempju l-produzzjoni tal-elettriku, it-trasport, il-bini u l-industriji enerġetikament intensivi, ***li ġeneralment huma l-iktar ekoloġiċi*** u ***l-iktar*** effiċjenti fl-użu tar-riżorsi ***fid-dinja***; ***fil-każ ta' nuqqas f'din il-ħidma bażika li jiġu salvati l-industriji peżanti Ewropej jitlob li jkun iffaċilitat l-adattament tal-ħaddiema minn dawn is-setturi għal setturi oħra;*** |

Or. en

**Emenda 19**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ għad-dħul u miżuri ta' protezzjoni soċjali li jgħinu biex jillimitaw il-proċess ta' aġġustament għat-tnaqqis għall-ħaddiema l-iktar li għandhom ċans li jkunu affettwati mill-bidla lejn ekonomija iktar*** |

| | |
|---|---|
| | ***ekoloġika (b'mod speċjali għall-ħaddiema b'ħiliet baxxi), partikolarment fis-setturi b'użu b*inċentiv għoli tal-karbonju; jenfasizza l-ħtieġa ta' miżuri ta' appoġġ tad-dħul, flimkien ma' miżuri oħra bħal taħriġ, biex titjieb u tinżamm l-impjegabilità, biex il-ħaddiema jinżammu fis-suq tax-xogħol u tkun evitata l-erożjoni tal-ħiliet fil-ħin tal-kriżi u r-ristrutturar;*** |

Or. en

**Emenda 20**
**Sari Essayah**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 4a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Jitlob tibdil fil-politika tal-klima u l-enerġija sabiex is-setturi li jużaw ħafna enerġija ma jsofrux minn piżijiet ta' spejjeż unilaterali fil-kompetizzjoni internazzjonali; u sakemm dawn il-piżijiet ikunu sejħiet unilaterali għall-kwoti tal-emissjonijiet bla ħlas għas-settur tar-rilokazzjoni tal-emissjonijiet tal-karbonju; jitlob b'mod speċjali li l-kokk metallurġiku jkun separat mill-fjuwils fossili l-oħra fis-sistema kummerċjali ta' emissjoni sabiex jiġu salvati l-industriji tal-azzar Ewropej;*** |

Or. en

**Emenda 21**
**Jürgen Creutzmann**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi ***tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità*** tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji u negozji; | 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi ***li jiżdiedu l-prezzijiet*** tal-enerġija għall-konsumaturi finali - familji u negozji***, b'mod partikolari fl-isfond tal-kriżi ekonomika***; ***jirrimarka f'dan ir-rigward ir-rwol ta' skemi ta' appoġġ rinnovabbli fiż-żidiet fil-prezzijiet f'xi Stati Membri u l-ħtieġa li dawn issirilhom reviżjoni;*** |

Or. en

**Emenda 22**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji u negozji; | 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija ***u t-tqassim ġust tal-piż finanzjarju*** għall-konsumaturi finali – familji u negozji; |

Or. en

**Emenda 23**
**Jean Lambert, Elisabeth Schroedter**
f'isem il-Grupp Verts/ALE

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji | 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji |

| | |
|---|---|
| u negozji; | u negozji; ***jirrikonoxxi l-fatt li l-mira ambizzjuża għall-iffrankar tal-enerġija tista' tnaqqas il-kontijiet tal-enerġija kemm għall-familji u n-negozji; u li l-implimentazzjoni ambizzjuża tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-˙ ini tista' tiġġenera impjiegi ġodda fil-modifikazzjoni ta' bini eżistenti sabiex jiġu żgurati benefiċċji li jibqgħu għaddejjin: iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-fondi disponibbli tal-UE għal skopijiet bħal dawn;*** |

Or. en

**Emenda 24**
**Sari Essayah**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 5**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji u negozji; | 5. Jenfasizza l-ħtieġa li fil-qafas il-ġdid jiġu indirizzati l-konsegwenzi tal-kriżi ekonomika fir-rigward tal-affordabilità tal-enerġija għall-konsumaturi finali – familji u negozji; ***jitlob b'mod speċjali għall-kumpens taż-żieda tal-prezzijiet tal-elettriku għall-industriji li jeħtieġu ħafna elettriku anki jekk dawn huma fost l-iktar ekoloġiċi fid-dinja fis-settur tagħhom;*** |

Or. en

**Emenda 25**
**Minodora Cliveti**

**Abbozz ta' opinjoni**
**Paragrafu 6a (ġdid)**

| *Abbozz ta' opinjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. Jenfasizza l-ħtieġa li tiġi stimulata r-riċerka għall-estrazzjoni tar-riżorsi iktar*** |

***sostenibbli u għal teknoloġiji innovattivi sabiex jipproteġu aħjar l-ambjent u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-impjegati fis-settur; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jippromwovu soluzzjonijiet iktar sostenibbli għall-estrazzjoni tar-riżorsi;***

Or. en